



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5210/21

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0044 (NLE)

AVIATION 5
RELEX 15
COREE 2

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL UE) 2021/...

ta'...

**dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika tal-Korea
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608¹, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data iktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608 of 24 ta' April 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L 142, 5.5.2020, p. 1).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺ ⁺⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi....

⁺ ĠU: jekk jogħġbok imla n-nota ta' qiegħ il-paġna u r-referenza tal-ĠU tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 15082/19.

⁺⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 15082/19.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.